# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024**

**Numru 3**

**Rikors Numru 794/21TA**

**Britney Galea (K.I. 241403L)**

**vs**

**Trilogy Limited (C-42528)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Britney Galea (l-Attriċi) tal-10 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi fis-27 ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta ta' nofsinhar (12:00 pm), l-attriċi, dak iż-żmien minuri, kienet qiegħda f'ħanut appartjenenti lis-soċjetà intimata bl-isem '*Hilfiger Denim'* li jinsab f'RU1, *The Point Shopping Mall*, Tignè, Sliema. Jingħad illi waqt li l-attriċi kienet qiegħda fiċ-'*changing room*' tan-nisa ta' dan il-ħanut, oġġett imdendel waqa' fuq sieqa x-xellugija, qatalha l-istess sieq u ppenetra d-'*dorsum*'. Per konsegwenza ta' dan, l-attriċi korriet u sofriet diżabilità permanenti, kif sejjer jiġi pruvat matul il-proċeduri ta' din il-kawża;

2. Illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għal fuq imsemmi inċident u dan hekk kif tali inċident seħħ unikament tort u ħtija tal-

istess soċjetà intimata, u dan stante n-nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u negliġenza da parti tal-istess soċjetà intimata;

3. Illi riżultanti dan l-inċident, l-attriċi sofriet ġrieħi fuq il-persuna tagħha, kif jidher mit-tlitt ritratti hawn annessi u mmarkati bħala '**DOK A1', 'DOKA2' u 'DOKA3'**. 'DOK A1' ġie meħud ftit tas-siegħat wara li seħħ l-inċident, 'DOK A2' ġie meħud ċirka sena u xahrejn wara, u ċioe f'Settembru tas-sena 2019, u 'DOK A3' ġie meħud f'Lulju tas-sena 2021;

4. Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi sofriet danni konsistenti fi spejjeż ta' kura meħtieġa u diżabilità permanenti kif jikkonfermaw id-diversi riċevuti illi sejrin jiġu preżentati matul din il-kawża u mis-segwenti rapporti mediċi; Rapport mediku tal-'*Plastic, Reconstructive and Aesthetic Surgeon*', Mr. Duncan Aquilina datat 6 ta' Marzu 2020 (hawn anness u mmarkat bħala '**DOK B**'), ir-rapport mediku tal-'*Consultant Neurologist and Clinical Neurophysiologist*' Dr. Malcolm Vella datat 20 ta' Marzu 2020 (hawn anness u mmarkat bħala '**DOK Ċ'**), ir-rapport psikjatriku tal-'*Consultant Psychiatrist*' Dr. Joseph Spiteri datat 21 ta' Lulju 2020 (hawn anness u mmarkat bħala '**DOK D**'), u kif wkoll ir-rapport mediku tal-'*Orthopaedic and Trauma* Surgeon', Mr. Massimo Abela datat 14 ta' Jannar 2021 (hawn anness u mmarkat bħala '**DOK E'**). Dan flimkien ma danni materjali oħra kif sejjer jiġi ppruvat matul is-smiegħ tal-kawża;

5. Illi l-attriċi interpellat lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnha sofferti b'konsegwenza tal-fuq imsemmi inċident inkluż b'Ittra Uffiċjali bin-numru ta' referenza 4017/2020 datata 25 ta' Novembru 2020, liema Ittra ġiet debitament notifikata lilha, iżda s-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Għaldaqstant, in vista tal-premess, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-attriċi titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tas-27 ta' Lulju 2019 fil-ħanut tal-ħwejjeġ '*Hilfiger Denim*', f'liema inċident l-attriċi korriet gravement u per konsegwenza sofriet diżabilità permanenti fuq il-persuna, u għad-danni kollha sofferti mill-attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi konsegwenza tal-istess inċident, liema danni huma kemm dawk emerġenti kif ukoll lucrum cessans, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lill-attriċi dawk id-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kollha kompriża tal-Ittra uffiċjali tal-25 ta' Novembru 2020 kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Trilogy Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-20 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi s-soċjetà intimata m'hijiex responsabbli għall-akkadut u dan inter alia għaliex:

   a) l-esponenti hija inkwilina tal-fond in kwistjoni u

   b) f'kull każ, l-inċident ma seħħx minħabba nuqqas ta` ħsieb, traskuraġni jew negliġenza da parti tal-esponenti

   konsegwentement it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jirrigwarda d-danni, dawn huma kontestata u inoltre addizjonalment ma dan jingħad illi

   a) għar-rigward tad-danni emerġenti, dan għandu jiġi limitat għall-ispejjeż attwalment inkorsi; u

   b) fir-rigward tal-*lucrum cessans*, fost konsiderazzjonijiet oħra kompriż kontestazzjoni fuq kull persentaġġ ta` diżabilità u dwar il-*multiplier* jiġi rilevat illi fil-mument tal-akkadut ir-rikorrenti kienet studenta u d-dħul tagħha, jekk kien hemm dħul, ċertament ma kienx jissupera l-paga minima nazzjonali veljanti fiż-żmien meta seħħ l-akkadut.

   c) F'kull każ, l-inċident ma ta` lok għall-ebda telf ta` qliegħ futur mir-rikorrenti.

   Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fis-27 ta' Lulju 2019 marret tixtri xi ħwejjeġ minn ħanut bl-isem ta' 'Hilfiger Denim', li jinsab f'RUI, The Point Shopping Mall, Tigne', Sliema. Dan il-ħanut jappartjeni lis-Soċjeta' konvenuta b'kera.

**2.** L-Attriċi marret biex tixtri ma' ommha minn dan il-ħanut u waqt li kienet fic-changing room tal-imsemmi ħanut waqa' frame u l-ħġieġ tiegħu weġġa' gravament lill-Attriċi f'saqajha. L-Attriċi tgħid li s-Soċjeta' konvenuta għandha twieġeb għall-ġrieħi li ġarrbet u kif ukoll għad-danni konsegwenzjali.

**3.** Għalhekk l-attriċi għamlet din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

**4.** Il-punt legali involut ma hux wieħed komplikat.

**5.** Kulħadd huwa mistenni li ma jagħmilx ħsara lil ħaddieħor u jekk hekk jagħmel ħsara irid jagħmel tajjeb għaliha. Dan il-ħsieb huwa rifless fis-segwenti artikoli tal-Kodiċi Ċivili:-

"*1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*1032 (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.*

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*"

**6.** Fis-**Sentenza fl-ismijiet Dr. Remigio Zammit Pace noe -vs- Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004**, il-Qorti qalet hekk fir-rigward ta' l-obbligi imsemmija:-

*"L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ….. mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill- liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawża "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene"* (**Vol.XXIV.I.172**)."

**7.** Hu, pero` sew dottrinalment, sew ġurisprudenzjalment, illi biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibilment meħtieġ li jkun hemm ness

ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża. Hekk jinsab affermat illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummerċjali, 6 ta' Frar, 1928**).

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-provi u ma kellha ebda diffikulta' biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha għaliex kollox jiddependi fuq kemm hija vera l-verżjoni li tat l-Attriċi kif addossata mix-xhieda ta' ommha Vanessa Galea. L-inċident idur fuq fatt wieħed: jekk fil-mument tiegħu kienux it-tnejn fic-changing room maħsuba biex fiha tidħol persuna waħda.

Vanessa Galea omm l-Attriċi tixhed hekk:

"*X'hin konna lesti induru, <u>dhalna f'wahda mill-kmamar</u> fejn tipprova l-hwjjeg u bdejna indendlu dawk il-hwejjeg li konna ghazilna mal-'hangers' li kienu imwahhlin. Nghid li sakemm jiena kont qeghda b'dahri lejn Britney sabiex indendel il-hwejjeg, smajt hoss kbir u malli dort biex nara x'gara indunajt illi kien waqa' frame li kien imndendel in-naha ta' fejn kienet Britney*" (a' fol 84).

**9.** L-Attriċi tgħid li "*Malli dhalna f'changing room minnhom, jiena mort sabiex indendel il-flokk ma' wahda mill-hangers u ommi marret biex idendel il-hwejjeg li kellha f'idha* ma hanger differenti li kienet tinsab f'sezzjoni ohra parti mill-istess kamra. Gara izda li f'dawn il-ftit sekondi li konna ilna fil-kamra bil-purtiera tal-kamra ghadha miftuha stante li ommi kienet ghadha ma hargitx, frame tal-injam bil-hgieg li kien imdendel fl-istess kamra waqa' minn postu direttament ghal fuq sieqi x-xellugija."* (a' fol 108).

**10.** Il-Qorti appositament għamlet l-emfażi għaliex sa hawn l-omm u l-bint jaqblu li t-tnejn kienu fil-kamra. Għal xi raġuni, aktar tard fil-kawża biddlu l-verżjoni tagħhom għaliex presumibilment intebħu, li ma kienux it-tnejn f'kamra, li suppost qegħdha għal persuna waħda, l-inċident ma kienx jiġri.

**11.** Di fatti Alexandra Vella impjegata mal-ħanut tiddeskrivi c-changing room hekk: "*meta tidhol ghandek purtiera, on the right hand side ghandek fejn idendel il-hwejjeg, frontal ghandek mirja, a large one, on the left hand side we had frames, picture frames with appropriate guidelines through abroad li jkollna inbiddluhom and so in. Just the picture I mean, u ghandna qiesu puffy stool taht il-frame*…" (a' fol 228 tergo). Meta mistoqsija kemm tesa' nies it-tweġiba tagħha kienet "*One person*". Dan jikkonfermah anke Joe Borg wieħed mill-partners (a' fol 329). Din ix-xhud tkompli tixhed li *"Smajt naqra qiesu chaos qiesu tgerfix fil-fitting room.*

*Harget omm it-tfajla li weggghet*" (a' fol 229). Din tgħid ukoll li dawn il-frames ma għadhomx jagħmluhom wara l-inċident (a' fol 234). Huwa sinjifikanti li din ix-xhud li ma għandha minn ħadd għaliex kienet ser tispiċċa u b'diżinvoltura tgħid li mic-changing room ħarġet omm it-tfajla ċioe' l-Attriċi.

**12.** Aktar tard fil-Kawża, Vanessa Galea omm l-Attriċi in kontro eżami tgħid li dak in-nhar kellha xi tops u xi libsa f'idejha (a' fol 389). Din tgħid li l-ewwel daħlet hi fic-changing room biex dendlitħom. Ħarġet u daħlet warajha. Tiċħad li kienu t-tnejn flimkien fil-kamra. Tiċħad dak li qalet fl-affidavit u tgħid li hi u ħierġa daħlet l-Attriċi. Meta ġara l-inċident kienet ħdejn il-purtiera biex tressaqilha ħalli tkun tista' tidħol (a' fol 391). Tiċħad li f'xi mument kienu t-tnejn fil-kamra (a' fol 395 u a' fol 396 tergo). Anke l-Attriċi tibdel il-verżjoni ta' dak li qalet fl-affidavit tagħha u ukoll tiċħad li kienu tnejn fl-istess kamra (a' fol 431). Tiċħad ukoll li dak il-ħin tal-inċident il-purtiera kienet magħluqa meta magħha kien hemm ommha fil-kamra (a' fol 431 tergo).

**13.** Minkejja dan kollu Simon Galea għid il-fatti kif suppost u anke jikkorobora lil Alexandra Vella meta jixhed li meta ra l-video tac-CCTV camera li kien hemm fil-ħanut lemaħ "*tnejn minn nies dehlin fil-kamra u jaghlqu l-purtiera u wara zewg sekondi inqalghet, rega' infethet il-purtiera u dahlet is-sales girl biex tara x'gara. Inqala' xi haga dak il-hin*" (a' fol 439 u tergo). Imma *dulcis in fundo* din il-Qorti rat ukoll dan il-video li ġie

esebit fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2023 u jidher ċar kristall li l-Attriċi u l-omm ma humiex għidu is-sewwa.

**14.** Dan ifisser li dak li ġara f'dik il-kamra jafuh biss l-Attriċi u l-omm. Li huwa żgur hu f'kamra żgħira, bi tnejn minn nies mgħobbija b'xirja ħwejjeġ u li ma għandniex xi ngħidu riedu jduru fiha żgur li dak il-kwadru ma waqax waħdu u x'aktarx kien milqut. Kieku dan ma hux minnu ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Attriċi u lil ommha li jbiddlu l-verżjoni tagħhom ta' kif ġraw l-affarijiet. Il-Qorti qatt ma hi disponibbli li tagħti affidament lil min ma jgħidx is-sewwa kollha għax b'hekk ma jista' jkun qatt pedament tal-verita'.

**15.** Għalhekk anke fid-dawl tas-Sentenzi suċitati il-Qorti qatt ma tista' tkun konvinta li hemm in-ness tal-kawżalita' mal-ħsara li ġarrbet l-Attriċi .

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel** eċċezzjoni tas-Soċjeta' konvenuta.

**Tiċħad it-talbiet** Attriċi.

Spejjes għall-Attriċi.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**